




# Il-Bini tal-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu u l-Oriġini tal-Isem *'Ħamrun'*



*minn Dr. Simon Mercieca*

Fl-Arkivju tal-Kurja tal-Arċisqof ġewwa l-Furjana insibu volum fis-sezzjoni msejħa Atti Ċivili. L-isem ta' dan il-volum huwa *Acta Civilia ab anno 1863 ad 1878* u li jġib in-numru 203. Fil-paġna 340r għas-sena 1873, insibu dan li ġej bit-Taljan.

*Il 28 Febbraio 1873*
*In rigor della facoltà accordata a Sua Ecc(ellenza) R(everendissi)ma Mon(signor) Arci(vesco)vo Vescovo Fr(a) Gaetano Pace Forno sotto la data del 17 Febrraio 1873 di amministrare i beni del beneficio di Lib(era) Coll(ocazione) sotto la denominazione Ta Donna Manna in favor della chiesa che si va costruendo nella contrada Tal Hamrun per cinque anni quindi la prelodata Ecc(ellenza) Sua R(everdissi)ma Mon(signor) Arci(vesco)vo Vescovo nomina in Sua Vice in Pre(penda) il Molto Rev(erendo) Sig(nor) Sac(erdote) Don Paolo Le Brun, perche agisca e amministri delli Beni del menzionato Beneficio. Ondest.*
*Cosi è Sac(erdote) Em(manuele) Cousoni Cancellere della Gran Corte Vescovile*

Bil-Malti, dan id-dokument jgħid dan li ġej.
It-28 ta' Frar 1873
Fis-saħħa tal-fakultà mogħtija lil eċċellenza reverendissima tiegħu, Mons Arċisqof, Isqof Fra Gaetano Pace Forno taħt id-data tas-17 ta' Frar 1873 sabiex jamministra l-beni tal-benefiċju ta' Lib(era) Coll(ocazione) taħt l-isem ta' 'Ta Donna Manna', (jgħaddihom) favur il-knisja li qiegħda tinbena fil-qasam Tal-Ħamrun għal ħames snin għalhekk l-imsemmija knisja l-eċċellenza tiegħu reverendissima, Monsinjur, Arċisqof, isqof jinnomina bħala viċi tiegħu fuq dan il-beni, lil wisq Reverendu sinjur, il-qassis Don Paolo Le Brun, biex jieħu ħsieb u jamministra dawn il-beni tal-imsemmi benefiċju. Hekk ikun.
Il-Qassis, Em(manuele) Cousoni, Kanċillier tal-Kbir Qorti Veskovili.

Għan-nies tal-lum, dan id-dokument jidher bħala wieħed li fih ħafna kliem superlattiv, miktub fl-istil u lingwa ta' kważi mija u ħamsin sena ilu. Dan kien l-istil ta' kif wieħed kien mistenni jikteb fis-seklu dsatax f'korrispondenza bejn l-awtoritajiet. Biss, dan id-dokument juri biċ-ċar, il-persuna li kienet qiegħda tkun appuntata mill-isqof Gaetano Pace Forno biex tħabrek favur il-bini tal-knisja tal-Ħamrun kien il-qassis ħabbrieki, Dun Paolo Le Brun. Dan il-qassis kien persunaġġ importanti fid-djoċesi Maltija. Oriġinarjament kien mill-parroċċa ta' San Pawl fil-Belt Valletta. Huwa kien parti mit-team, magħmul minnu bħala qassis u numru ta' tobba, li kien mar Scutari biex ikun ta' għajnuna għas-suldati Maltin li kienu qegħdin jitqabdu fil-famuża gwerra tal-Krimea. Serva fl-istess sptar fejn kienet tkun isservi l-famuża Florence Nightingale u kellu konoxxenza personali tagħha. Eventwalment laħaq kanonku tal-kattidral u fis-snin 1880-1882, kien responsabbli mill-amministrazzjoni tal-beni tal-knisja kattedrali ta' Malta.





Id-dokument jikkonċerna deċiżjoni meħuda mill-isqof u din it-tip ta' azzjoni hija magħrufa fil-lingwaġġ ġuridiku, bħala att ċivili, u għalhekk ġie reġistrat fl-atti miżmuma fil-Kurja taħt din in-nomenklatura, jiġifieri, l-Atti Ċivili. Dan hu dokument ċar ħafna. L-ewwel u qabel kollox juri l-interess personali li ħa l-isqof ta' dak iż-żmien, Monsinjur Gaetano Pace Forno, biex tinbena knisja ġdida f'din il-lokalità. Hija storja magħrufa fil-Ħamrun, għaliex din il-knisja ġiet dedikata lil San Gejtanu. Dan sar fuq xewqa u talba minn dan l-istess isqof Pace Forno biex f'Malta jkun hawn knisja dedikata lil dan il-qaddis li hu kien imsemmi għalih. Huwa xtaq li l-knisja l-ġdida li bdiet tinbena fl-1869 ġewwa l-Ħamrun kellha tkun dedikata lil San Gejtanu u xewqtu saret kmand. Infatti, l-ewwel ġebla tal-knisja tqiegħdet fis-17 ta' Ġunju 1869. Oriġinarjament, din il-knisja kienet se tkun dedikata lil San Ġużepp, minħabba li din il-parti ta' Malta, kienet magħrufa minn dejjem bħala Casale San Giuseppe. Dan id-dokument jitfa' dawl fuq id-diffikultajiet finanzjarji li l-abitanti ta' din ix-xaqliba ltaqgħu magħhom biex jinġabru l-flus neċessarji ħalli tkun tista' tinbena din il-knisja. Fuq kollox, dan id-dokument jikkonferma l-interess personali ta' dan l-isqof Pace Forno f'dan il-proġett u meta ra li kien hemm problemi finanzjarji offra flus marbuta mas-salarju tiegħu ta' isqof għall-bini ta' din il-knisja. Is-salarju tal-isqfijiet kien marbut ma' interessi fuq artijiet imħollija jew mogħtija min-nies biex mid-dħul jew l-interessi tagħhom, l-isqof seta' jkollu salarju indipendenti għalih. Waħda minn dawn l-artijiet kienet dik magħrufa bħala '*Ta Donna Manna*'. L-isqof Pace Forno rrinunzja għad-dħul minn fuq din l-art għal ħames snin sħaħ, ħalli dawk il-flus jgħaddu għand Don Paolo Le Brun biex dan ikun jista' jużahom favur il-bini ta' din il-knisja l-ġdida. Hawn wieħed irid jifhem, li l-isqof ma setax jagħmel li jrid b'dawn il-flus. Dan l-att partikolari kien magħruf bħala ta' *'libera collocazione'* jiġifieri seta' jiddisponi minnu kif irid, biss ried dejjem jibqa' marbut mal-uffiċjatura tal-isqof. Dan ifisser li l-isqof seta' biss igawdih tul ħajtu, iżda wara mewtu kellu jgħaddi għand is-suċċessur tiegħu. Dan jispjega l-għala kien jingħata lil xi ħadd ieħor għal perjodu determinat ta' snin.
Iżda l-aktar punt interessanti ta' dan id-dokument huwa għal mod ta' kif irrefera għal din il-lokalità l-isqof Pace Forno. Huwa interessanti, li dan id-dokument ekkleżjastiku m'hux qiegħed jirreferi għal din il-lokalità bl-isem l-antik tagħha, jiġifieri kif kien magħruf *'Casale San Giuseppe'*, iżda bħala 'Tal-Ħamrun'. Għalhekk dan id-dokument huwa wieħed minn tal-ewwel fejn din il-lokalità qiegħda tkun magħrufa bħala 'Ħamrun'. Infatti, kull referenza għall-isem Casale San Giuseppe huwa nieqes minn dan id-dokument.
Minn dokumentazzjoni qadima nafu li din il-lokalità kienet magħrufa bħal Casale San Giuseppe. Hekk kien jidher l-isem ta' din iż-żona fil-mapep l-antiki ta' Malta, speċjalment dawk ta' qabel is-seklu dsatax. Jekk wieħed iħares lejn waħda minnhom, per eżempju, dik ta' De Fer tas-sena 1722, isib li din il-lokalità kienet indikata bħala San Giuseppe, iżda mingħajr ma jindika xi abitazzjonijiet fiha.
Issa dan id-dokument fl-atti ċivili tal-kurja jitfa' dawl ġdid fuq l-oriġini tal-isem Ħamrun. Permezz tiegħu, insiru nafu, li l-kelma Ħamrun hija waħda qadima għal din iż-żona u anki jekk ma tidherx fuq mapep jew kuntratti li sa issa ġew studjati, kienet tirreferi għall-qasam ta' art li kien hemm f'dan il-Casale San Giuseppe. Dan il-qasam ta' art kien magħruf bħala *Tal-Ħamrun*. Bħal kull dokument ta' natura legali jipprova jkun eżatt fid-definizzjonijiet tan-nomenklaturi tiegħu. Dan id-dokument jgħidha ċara u tonda, li *Tal-Ħamrun* kienet *'kontrada'*, jiġifieri żona jew qasam, jiġifieri biċċa art imdaqqsa sewwa ġewwa din lokalità. Hawn wieħed irid ifakkar li Casale kienet kelma Taljana użata fil-passat biex tfisser raħal. Meta l-isqof qiegħed isejjaħ din l-art, 'Contrada', jew qasam, kien ifisser li din il-Contrada Tal-Ħamrun, kienet waħda minn numru ta' kontradi li kienu jagħmlu parti minn dan ir-raħal. Bħal kull raħal ieħor, Casale San Giuseppe kellu aktar minn kontrada jew qasam wieħed. Interessanti li l-prepożizzjoni 'ta'' kienet parti mill-isem, għaliex hija mogħtija bil-Malti waqt li l-bqija tad-dokument kollu bit-Taljan. Allura, dan il-qasam ma kienx magħruf bħala 'il-Ħamrun' jew 'Ħamrun', iżda bħala 'Tal-Ħamrun' u kien imiss ma' qasam ieħor,



li bħalu kien juża prepożizzjoni u għadu jużaha sal-lum, jiġifieri l-qasam 'Tas-Samra'. Dan l-isem 'Tal-Ħamrun' bħal dak 'Tas-Samra' huwa wieħed qadim ħafna. Iżda sa dik il-ħabta, kien magħruf biss mill-ftit bdiewa tal-madwar li kienu jaħdmu l-art tal-inħawi ta' fejn inbniet din il-knisja l-ġdida. Fuq din il-biċċa art, jew kontrada, magħrufa bħal 'Tal-Ħamrun', inbniet din il-knisja il-ġdida. Għalhekk jidher ċar daqs il-kristall, li l-art li fuqha nbniet il-knisja dedikata lil San Gejtanu kienet magħrufa bħala 'Tal-Ħamrun' u din il-biċċa art, minħabba dan il-proġett spiċċat biex tat l-isem il-ġdid lil din il-lokalità, jew aħjar parroċċa ġdida. Jidher li l-isqof Pace Forno kien jippreferi jirreferi għal din il-parroċċa bl-isem 'Tal-Ħamrun' milli bl-isem il-qadim tagħha. B'hekk, din in-nomenklatura, Tal-Ħamrun, kellha tispiċċa biex tkun użata għat-territorju kollu li se jifforma parti minn din il-parroċċa u ma tibqax biss referenza għal qasam partikolari ġewwa din l-istess limiti ta' din il-parroċċa. Għalhekk, dan l-isqof ma' kienx biss responsabbli biex idaħħal d-devozzjoni lejn San Gejtanu ġewwa l-Ħamrun, iżda kien ukoll responsabbli biex din il-lokalità ma tibqax tkun magħrufa bħala *Casale San Giuseppe*, iżda tibda tkun magħrufa, bl-isem tal-Ħamrun.
Hawnhekk wieħed jistaqsi, allura x'tifsira jew oriġini għandu dan l-isem. Jidher, li din il-kelma Ħamrun hija riferenza diretta għat-tip ta' art li kien hemm fl-inħawi. Żgur li ma tistax tinqara waħedha iżda f'kuntest ta' kontradi oħra li llum jifformaw parti mill-konfini tal-Ħamrun. Hawnhekk, wieħed irid jgħid li ftit 'il fuq minn din il-knisja, kien hemm kontrada oħra li tuża l-prepożizzjoni (ta'), dik imsejħa *Tas-Samra*. F'dan il-kuntest, l-isem Ħamrun, qiegħed ikun użat bħal nom deskrittiv ta' minerali. L-ewwel idea hija li jiddeskrivi l-art jew inkella l-kwalità tal-ħamrija. Jekk kienet qiegħda tintuża bħala nom deskrittiv tal-art allura din il-kelma kienet qiegħda tintuża biex tiddiskrivi il-kwalità ta' ħamrija li kien hemm fiż-żona fejn fuq naħa kellek ħamrija identifikata bħala 'samra' u dik ftit 'l isfel minnha qiegħed tkun magħrufa bħala waħda ħamranija.
Waqt li fuq livell ġeografiku, il-formazzjoni tal-ħamrija, kemm fiż-żona tal-Ħamrun u f'Tas-Samra qegħdin juru l-istess ħaġa, jiġifieri l-intensità tal-kulur tal-ħamrija li kien hemm fl-inħawi, fuq livell agrikolu, juru kemm il-bdiewa kienu joqogħdu attenti biex jidentifikaw it-tip ta' ħamrija li jkun hemm f'taqsimiet differenti u jużaw termini speċifiċi biex juru d-differenza fil-kulur tal-ħamrija fuq medda ta' ftit anqas minn kilometru u f'każ minnhom, kelma qrib ħafna ta' Ħamrun - 'sarbun', tfisser f'partijiet tal-Adrijatiku ħamrija ta' kulur bajdani. Jekk dan jgħodd għat-tip ta' ħamrija li kellha dan in-naħat, dan ifisser, il-ħamrija ta' kulur aħmar ċar jew aħjar bajdanija li kien hemm f'dan il-qasam tal-Ħamrun kien f'kuntrast mal-oħra aktar 'samra' li kienet tinsab ftit 'il bogħod minnha.
Meta wieħed iżomm ma' din l-idea ta' kif żviluppat in-nomenklatura Ħamrun, wieħed ma jistax ma jiftakarx f'silta mill-ktieb famuż ta' Predrag Matvejevic, *Breviario Mediterraneo*. F'pagna 61, Matvejevic jitkellem dwar numru ta' postijiet fl-Adrejatiku li ħadu l-isem tagħhom mill-kuluri tal-art, fosthom il-kulur aħmar jew abjad minħabba t-tip ta' ħamrija u l-effett tal-Baħar Mediterranju fuq din l-istess ħamrija. Hu jgħid hekk:
*'Sono davvero diversi i tipi di suolo sulla riva del mare da un territorio all'altro. E diverso ' il modo in cui si percepiscono quando ci si avvicina dal mare, da una distanza più o meno grande, rispetto a quando ci troviamo sulla terraferma, lungo la costa; la terra rossastra fra pietre (crvenica), quella grigiastra, che sembra appunto come se fosse di pietra (in certi punti ' più o meno sabbiosa, e perciò su alcune isole dell'Adriatico la chiamano sarbun, salbun, o più semplicemente terra bianca); poi quella nera (cernica), rara e apprezzata da questa parti, si direbbe indipendente dalla pietra; e da ultimo la terra comune, bruna, che 'la stessa che si trova anche altrove in Europa, in Asia Minore, in una parte dell' Africa.'*
Ma hemmx dubbju, li jekk in-nomenklatura ta' Ħamrun kien qiegħda tintuża biex tindika kulur ta' ħamrija, allura din l-kontrada jew qasam li fuqu nbniet din il-knisja l-ġdida verament wieħed għammiel u speċjali biex wassal, kif jinnota Matvejevic, li tkun imsejħa ħamra għaliex il-ħamrija tagħha ma kinetx komuni.
L-idea l-oħra hija li 'Ħamrun' u 'Samra' huma nomi li jiddeskrivu persuni. Allura hawn ir-referenza trid tmur għall-karatteristi umani, li sid oriġinali ta' dawn l-artijiet kellhom, u l-użu ta' dawn l-aġġettivi kien intiż biex ikunu identifikati s-sidien differenti ta' artijiet li kien hawn f'din iż-żona. Hija x'inhi l-oriġini ta' din il-kelma, il-għażla tal-kelma Ħamrun bħala nomenklatura ta' din il-lokalità hija waħda każwali u tirriżulta mill-mod ta' kif l-isqof Pace Forno beda jirreferi għal din il-parroċċa l-ġdida ġewwa d-djoċesi tiegħu. Għalhekk, l-isem 'Ħamrun' u 'San Gejtanu' saru ħaġa waħda, u hu x'inhu t-twemmin jew ħsibijiet li wieħed jista' jħaddan, anki llum, meta l-għajta ta' sekularizzazzjoni daħlet u kibret sewwa, dawn it-tnejn ma jistgħux jinfirdu minn xulxin għax oriġinaw mill-istess persuna, jiġifieri l-isqof Getano Pace Forno, bir-riżultat li waħda ma tistax tgħaddi mingħajr l-oħra!